MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 80/2010

**Group 4 Securitas Malta Ltd**
**C-9860**

**vs**

**Patrick Vella fil-kummerc taht l-isem Splash & Fun Marine Park**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta Jannar 2010, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €795.62 (sebgha mija u hamsa u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma xoghol ta. servizzi ta' sigurta provdut lill-konvenut fil-fond Splash & Fun Marine Park fil-perjodu bejn l-ewwel u l-ahhar ta' Mejju 2009.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta l-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2010, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta €795.62 (sebgha mija u hamsa u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------